# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-12 ta' Jannar 2024**

**Rikors Nru : 593/2023JPG**

**Kawza Nru : 9**

**AG**

**u**

**LG**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors kongunt ta' AG u LG datat 6 ta' Novembru 2023 a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti partijiet zzewgu nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar tal-elf disgha mija u disghin (1990) [Vide* ***Dok. A****];*

2. *Illi t-tfal taghhom minn dana z-zwieg llum il-gurnata huma kollha maggorenni;*

3. *Illi l-istess partijiet huma legalment separati permezz ta' Kuntratt ta' Separazzjoni ppublikat fl-Atti tan-Nutar Dr. Claire Camilleri nhar id-dsatax (19) ta' Gunju tas-sena odjerna u cioè tas-sena elfejn tlieta u ghoxrin (2023) [Vide* ***Dok. B****];*

4. *Illi l-istess partijiet ilhom jghixu separatment minn xulxin ghal diversi snin;*

5. *Illi ma' hemm l-ebda arretrati ta' manteniment;*

6. *Illi ma' hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom, stante li minbarra li ilhom mifrudin snin twal u llum il-gurnata ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

7. *Illi l-istess partijiet qieghdin jipprezentaw kopja tal-Affidavit taghhom li qieghdin jigu hawn annessi u mmarkati bhala **Dok. AGO1** u **Dok. LG01**;*

8. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-Divorzju skont l-Artikolu Sitta u Sittin Ittra Kapitali B (66B) tal-Kodici Civili [Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta];*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti partijiet umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex :-*

1. *Tippronunzja il-hall taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-Divorzju tal-istess partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AG xehed** (vide affidavit fol 10) illi l-partijiet izzewgu nhar it-23 ta' Frar, 1990 u minn dan iz-zwieg twieldu ulied li llum huma maggorenni. Sostna illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt datat 19 ta' Gunju 2023 in atti tan-Nutar Dr Claire Camilleri imma l-partijiet ilhom jghixu separati de facto ghal diversi snin. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u li ilhom jghixu hajja totalment independenti u separata minn xulxin u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**LG xehdet** (vide affidavit fol 11) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas***

***sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-23 ta' Frar 1990, liema zwieg jgib certifikat numru 179/1990 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu ulied li llum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 19 ta' Gunju 2023 in atti tan-Nutar Dr Claire Camilleri, imma ilhom jghixu separatament de facto minn xulxin ghal diversi snin. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 179/1990 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**